# SUNETTI TAL-GWERRA

*Ta'* Erin Serracino-Inglott

**1939**

*Lill-mejtin tal-gwerra l-oħra*
*nhar l-Armistizju.*

I

Mill-ħemda ta' qabarkom, rwieħ qalbiena,
taħt art miksija bl-aħmar tal-peprin,
qed tisimgħuh id-daqq ta' dil-qanpiena
li tħabbar żieda ġdida ta' mejtin?

Il-ġlieda reġgħu bdewha dawk il-ħżiena
li qalbhom ma qatgħux wara das-snin...
Il-mafkar bidlu f'maqbar u, bla ħniena,
'l uliedkom jidħnu fuqkom ġa qegħdin!

Qumu minn hemm u l-għadab tagħkom uru!
Uru li mhux għalhekk xerridtu d-demm;
li jmisshom 'l ura lkoll kemm huma jduru;

li bikom il-mibegħda kellha ttemm;
u li b'għadamkom l-oqbra qed ifuru.
Qumu minn hemm, erwieħ, qumu minn hemm!

II

**1945**

U gerbbu s-snin li fihom dinja mġenna
b'ruħha u b'ġisimha tqatlet fid-dagħdigħa
tal-għatx tad-demm... U fdal il-bniedem tħenna
Kif lemaħ tislem minn tas-sliem is-siegħa!

U l-għajta "Rbaħna, rbaħna!" bidlet f'ġenna
l-infern ta' qlub in-nies. Għax it-taqtigħa
intemmet b'wiċċ il-ġid għal kull min stenna
li wara x-xitwa toħroġ ir-rebbiegħa!

Iżda mal-kotra ta' dal-ġnus ferħana
li s-sliema fost il-ħerba qed ifittxu
bit-tama li sa jilħqu xi Nirvana,

Għad hemm xi ħadd imħasseb li fuq wiċċu
tixhidlu l-mistoqsija bint l-irżana:
Satax ma sewa xejn das-sagrifiċċju?...

(*Moqrijin f'Akkademja tal-"Għaqda"*)